MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 218/2010

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fis-27 ta' Jannar 1996, u f'dan iz-zwieg twieled tifel; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak ta' l-attrici, fit-termini tal-paragrafi [a] u [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha jeccepixxi li hu m'ghandux responsabbilita' ghan-nullita';

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-27 ta' Jannar 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel li z-zwieg huwa null, izda qed jikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-27 ta' Jannar 1996 meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 23 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa sena u nofs li matulhom l-attrici harget tqila. Fis-6 ta' Gunju 1996 twieldet it-tifla.

Jirrizzulta li meta l-partijiet bdew johrogu flimkien, wara xi zmien bdew jaghmlu l-att taz-zwieg miftuh ghat-tfal, bir-rizultat li l-attrici harget tqila.  L-attrici tghid li hija kienet izzewget lill-konvenut meta kellha hames xhur tqala, u kienet hadet dan il-pass ghax "dak iz-zmien qisu kien skandlu tinqabad tqila, allura ddecidejna li nizzewwgu".

Hija pero tghid li ma kienitx thobb lill-konvenut; u di fatti, wara t-twelid tat-tifel hija bdiet tiehu l-pillola kontracettiva biex zgur ma jkollhiex tfal ohra minnu.  Tghid li, ma kienx hemm imhabba lejn zewgha minn naha taghha, u ghalhekk hi ma kienitx tavvicinah ghall-att taz-zwieg ghax

“kont niddejjaq”. Tghid ukoll li hi ta’ spiss kienet tirrifjuta li taghmel l-att taz-zwieg mieghu, bir-rizultat li kien jinqala’ hafna glied bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront ta’ l-attrici l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg minghajr m’gharrfet l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kienet inkapaci tghix mal-konvenut, allura zewgha, f’unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom. Ir-rilutanza taghha biex taghmel l-att taz-zwieg ma’ zewgha, kien ta’ impediment serju sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta’ mhabba u hajja.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-27 ta’ Jannar 1996.

L-ispejjez ikunu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------